**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 29 ta' Marzu 2017**

**Pulizija**

**Spettur William Scicluna**

**Vs**

**Genisa (Genoveffa) Rensink Mifsud**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Genisa (Genoveffa) Rensink Mifsud, ta' 46 sena, bint Emanuel u Margaret nee' Cachia, imwielda Pieta', fl-20 t'Awwissu 1970, u residenti fi Flat 9, Bini tal-Gvern, l-Ghorfa, Triq il-Mithna, Bormla. ID Card No. 0413170M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar t'Awwissu 2016, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Ghamlet att ta' *money laundering* billi:

   i) Ikkonvertiet jew trasferixxiet proprjeta' meta kienet taf jew issuspettat li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra tal-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita' kriminali;

   ii) Hbiet jew uriet haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew proprjeta', meta kienet taf jew issuspettat li dik il-proprjeta' inkisbet direttament jew indirettament minn

attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita’ kriminali;

iii) Akkwistat, kellha pussess jew uzat proprjeta’ meta kienet taf jew issuspettat li l-istess proprjeta’ inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita’ kriminali;

iv) Kellha ritenzjoni minghajr skuza ragonevoli ta’ proprjeta’ meta kienet taf jew issuspettat li l-istess proprjeta’ tkun inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita’ kriminali;

v) Ittentat hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta’ hawn fuq, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

vi) Agixxiet bhala komplici fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta’ hawn fuq.

2) Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tissekwestra f’idejn terzi persuni b’mod generali l-flejjes u l-proprjeta’ mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lill-akkuzata jew huma proprjeta’ taghha, u li tipprojbixxi lill-akkuzata milli tittrasferixxi, taghti b’rahan, tipoteka jew xort’ohra tiddisponi minn xi proprjeta’ mobbli jew immobbli skond l-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3) Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra t’esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni f'dawn il-proceduri, fid-29 ta' Mazru 2017, li giet ikkonfermata minnha wara li nghatat iz-zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikoli 3 (b'referenza ghall-Artikolu 2) u 5 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputata;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija mputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal tlitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**